Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 143 / 2017**

Il-Pulizija

vs

**Tracey Borg**

Illum, 9 ta' Jannar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Tracey Borg, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 417574M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Fi Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, u/jew f'xi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar id-29 ta' Ottubru, 2016, għall-ħabta ta' 23:50 hrs u nhar it-30 ta' Ottubru, 2016, għall-ħabta tas-01:40hrs, f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7 (2) tal-Kap 63 tal-Liġijiet ta' Malta; u

Saret reċediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija lilha mill-Qrati Kriminali (Malta), u li saru definittivi u ma jistgħux jiġi mibdula maħruġa mill-Magistrat Dr. D. Clarke LL.D. datata is-26 ta' Gunju, 2015. Kif ukoll sentenza moghtija lilha mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula mahruga mill-Maġistrat Dr. F. Depasquale LL.D. datata nhar is-

17 ta' Frar 2015. Kif ukoll mogħtija lilha mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula maħruġu mill-Maġistrat Dr. I. Farrugia LL.D. datata nhar l-24 ta' Novembru 2014.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 7(2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha u ikkundannata ghal erba (4) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Tracey Borg minnha pprezentat fit-3 t' April, 2017, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqha dik ta' erba' xhur prigunerija u minflok ma ssibx lill-imputata hatja tal-akkuzi u tillibera minnhom.

Rat **illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'dan li ġej.**

1. Fl-ewwel lok l-esponenti qieghda tissotometti illi l-fatt li kienet miexja f' triq li is-soltu jimxu l-prostituti ma jfissirx li qieghda titlajja. Tant hu hekk li maz-zmien ossia mat-trapass tal-hin ix-xhieda li rawha fit-triq hadh ma tellaghha f' xi vettura jew hadha l' hemm. Dan juri bic-car illi l-esponenti ma kienetx qieghda titlajja.

2. Ukoll jekk wiehed imur Paceville jara lit-tfajliet kollha lebsin skullat u b' xi dublett qasir u probabbli jilghabu b' xagharhom, dan ghandu ifisser li huma kollha prostitute?. Zgur li m' huwiex il-kaz u ghalhekk ma ngabitx il-prova sufficcjenti kif rikjest mill-Ligi sabiex tinstab htija.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2019.

Ikkunsidrat.

Rat ix-xhieda ta' **PC 101 Ruzni Gaffarena** moghtija quddiem l-ewwel Qorti nhar l-24 ta' Frar, 2017 fejn b'referenza ghall-akkuzi odjerni spjega illi nhar id-29 ta' Ottubru, 2016 meta kien fil-kumpanija ta' PC 27 Alan Zahra u WPC 60 Grace Bianco ighamlu patrol kontra l-prostituzzjoni gewwa Ta' Xbiex jghid li ghall-habta ta' nofs il-lejl kienu ghaddejjin minn Triq Testaferrata u innotaw lill-appellant twaqqaf diversi karozzi u titkellem max-xuffiera taghhom. Kienet qed tohrog fin-nofs jigifieri tat-triq u twaqqaf xi karozzi u titkellem max xuffiera. Ikkonferma li raha titkellem ma hafna xuffiera. Wara xi ghaxar minuti mar fuqha u qallha biex titlaq minn fuq il-post.

Dak il-lejl jigifieri jigi l-ghada 31 ta Ottubru, 2016 stess fis-1.40a.m. rega raha titlajja bl-istess mod u manjera fejn hemmhekk infurmaha li ha itellaghha l-Qorti. Dakinhar kienet libsa gakketta kannella u libsa qasira issikatha maghha. Mistoqija jekk rahiex titla f'xi karozza jghid li ma rahiex titla fl-ebda karozza in konnessjoni ma dan ir-rapport.

Spjega li huma imorru jghamlu patrol proprju f'din l-ekwata ghaliex hemm By law li ma jistax jkun hemm tlajjar f'din l-area specifikata.

**WPC 60 Grace Bianco** xehdet nhar l-24 taa Frar 2017 u spjegat b'referenza ghal dak li sehh bejn il-lejl tad-29 u 30 ta Ottubru 2016. Qalet li hija kienet qed taghmel ronda flimkien ma PC 27 u PC 101 fi Triq Testaerrata u raw lill-appellanti titlajja u tippaseeggja tiela' u nizla fl-istess triq u gili rawha twaqaf il-karozzi u titkellem max-xuffirea. Huma qdu joservawha xi ghaxar minutia spjegat li kien ikun hemm karozza li tieqaf u hi tinsel titkellem mx-xuffier taghha. Kelmuha u qalulha biex titlaq u dak in–nhar stess ghall-habta tas- 1.40a.m jigifieri l-ghada filghodu regghu rawha fl-istess Triq Testaferrata tippasseggja u titlajja tiela' u niezla. Regghu waqfu ma genbha u qalulha li kienu ser johorgulha ic-charges. Ikkonfermat li kienet libsa libsa qasira hafna issikkata maghha u gakketta kannella. Tghid sa fejn taf hi, l-appellanti qed tghix ma ommha B'kara ghalkemm dak iz-zmien ta' dan ir-rapport kienet qed toqghod San Pawl.

Mistoqsija in kontro esami jekk tkelmitx max-xuffiera li waqfet tghid li le. Qalet li diment ma titlax maghhom, huma ma iwaqfux ix-xuffiera ghaliex ix-xuffier ma jkun ghamel xejn hazin.

Ikkunsidrat;

Illi kif ben tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Mary Rose Vassallo[1]" citata mill-ewwel Qorti , biex tirmexxi prosekuzzjoni taht l-artikolu 7 (2) tal-Kap.63, irid jigi pruvat, fil-grad rikjest mil-ligi ghall-procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, **fi triq jew f' post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, tlajjat (loitered)** jew ghamlet biex thajjar ("solicited") ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova ssir permezz, u tista' tirrizulta minn **diversi cirkostanzi**, mehudha wahedhom jew flimkien, bhal per ezempju, diskors li ntqal, pozi li jittiehdu, **ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f' post partikolari** u lil min tavvicina **u hafna cirkostanzi ohra**. (enfasi ta' din il-Qorti).

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Michael Falzon**[2]" il-kliem : *"jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni" u ( "loiters or solicits for the purpose of prostitution", fit-test Ingliz) ma jirrikjedix li jkun hemm l-element li wiehed idejjaq lil dak li jkun jew "importuning" billi wiehed ikun "petulanti, insistenti , nojjuz u koncetti simili". Bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f'post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm umbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li it-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f' xi triq mudlama jew imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f'post li jkun maghruf ghal dan l-iskop. L-element tat-thajjir umbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b'mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qeghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac-*

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal inhar id-29 ta MArzu 2006

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar id-19 ta Gunju 2002

*"circumstantial evidence" huwa f'dan ir-reat evidentement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi il-veri intenzjoni ta' dak li jkun. "*

Fis-sentenza fl-ismijeit **Il-Pulizija vs Joseph Vella**[3] moghtija minn din il-Qorti diversment preseduta gie ritenut li :-"*Biex tirnexxi prosekuzzjoni taht l-art.7(2) tal-Kap.63 irid jigi ippruvat, fil-grad rikjest mill-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata, tkun fit-triq jew f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku, tlajjat (loitered) jew ghamlet biex thajjar (solicited) ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova tista' issir permezz, u tista' tirrizulta minn, diversi cirkustanzi mehuda wahedhom jew flimkien, bhal, per ezempju, diskors li intqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna iddum f'post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkustanzi ohra. Fil-kaz Behrendt vs Burridge(1977)1 W.L.R 29, prostituta giet ritenuta li kienet qed taghmel biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni billi semplicement qaghdet liebsa skullata fuq banketta gholja wara l-hgiega ta' tieqa li kienet taghti ghat-triq illuminata b'dawl ahmar. Dan il-kaz qed jigi iccitat proprju ghax kien jikkoncerna d-disposizzjoni ta'l-Street Offences Act 1959 li fuqha gie immodellat is-subartikolu (2) ta'l-artikolu 7 tal-Kap.63.*

Jinghad illi it-tlajjar jew kif inhu maghruf bl-ingliz "loitering" f'post pubbliku huwa l-att materjali li iwassal ghal kostistuzzjoni tar-reat, izda dan il-fatt irid necessarjament ikun akkompanjat bl-intenzjoni kriminuza u cioe' illi l-att fiziku tat-tlajjar ikun qed isir ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Issa kif ser tigi ippruvata din il-mens rea jekk mhux bi provi cirkostanzjali li maghdudin flimkien jistghu iwasslu ghal din il-konvinzjoni lil hinn munn kull dubbju. Illi kif gie deciz minn din il-Qorti kif idversament ippresjeduta:-

> *"L-element tac-circumstantial evidence huwa f'dan ir-reat evidententement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi l-veri intenzjoni ta' dak li jkun*[4]

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it30 ta Mejju 1994

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijeit il-Pulizija vs Michael Falzon ddeciz fid- 19 ta' Gunju, 2002

Ikkunsidrat;

Illi min ezami akkurat taz-zewg xhieda misugha u cioe ta' PC 101 Ruzna Gaffarena u WPC 60 Grace Bianco, jemergu is-segwenti fatti:

1. Illi l-appellanti giet osservata fi Triq Testaferrata, il-Gzira darbtejn fl-istes lejl ta bejn id-29 u 30ta Ottubru 2016 f'xi hinijiet bejn 23.50p.m u 01.40a.m.
2. Illi fil-fehma ta' dawn l-ufficjali tal-pulizija din il-persuna kienet qed titlajja peress illi kienet maghrufa drabi ohra li tkun qed titlajja u thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni fl-istess akwati.
3. Avvicinata minn dawn l-ufficjali u mitluba biex titlaq mill-post, l-appellanti accettat u telqghet.
4. Madwar siegha wara l-istess ufficjali tal-pulizija regghu raw lill-appellanti fl-istess ppost u regghet giet ordnata biex titlaq u mgharrfa li kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront taghha dwar tlajjar.
5. L-appellanti kienet liebsa libsa qasira ssikata u gakketta kanella.

Illi f' dan il-kaz ma hemmx dubju li l-post fejn instabet l-appellanti ghal darbtejn fl-istess lejl hu post maghruf ghall-prostituzzjoni. Jirrizulta li kienet liebsa ilbies intiz biex fil-fehma tal-pulizija jigbed l-attenzjoni ossiaosia il-qosor. Jidher ukoll li minkejja li ntbaghtet minn hemm mill-Pulizija l-appellanti baqghet titlajja fuq il-post. Issa dan mhux il-promenade ta' tas-Sliema jew San Pawl il-Bahar fejn forsi sa tard bil-lejl issib nies u familji shah jippassiggaw ghall-affari taghhom.

Imma hu post li gie dikjarat f' diversi sentenzi tal-Qrati, inkluza dik appena citata, li hu post maghruf ghall-prostituzzjoni. Inoltre din ma kienetx l-ewwel darba li l-Pulizija kienu rawha f' dawk l-agwati skond ix-xhiea ta PC 101 u WPC 60 fejn sahansitra anke tqarew li kienu ser johorgu charges rigward ir-rapporti l-ohra taghhom ukoll.

Ghalhekk din il-Qorti m' ghandix l-icken ombra ta' dubju li l-appellanti kienet hemm f' dawk il-hinijiet ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali u ghal xejn aktar.

L-appellanti odjerna ma offriet ebda spjegazzjoni ghall-prezenza taghha f' dak il-post f' dawk il-hinijiet, li tista' tissodisfa - almenu sal-grad tal-probabbli – lill- gudikant,. Inoltre jirrizulta li l-appellanti baqghet fuq il-post ghall-aktar minn siegha, tielgha u niezla fl-istess triq twaqqad il-vetturi u dan ghamlitu ghal ragunijiet ovvji u mhux ghax kif jghidu "*the night was still young*" jew 'for nothing better to do'.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tara li l-akkuza dedotta kontra l-apellanti tirrizulta sodisfacentement pruvata.

Dwar it-tienu akkuza u cioe dik ta' recidiva din il-Qorti esaminat l-atti tal-process u minn esami ta' l-istess jirrizulta li hemm erba' sentenzi esebiti ilkoll moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, wahda minnhom nhar is-26 ta' Gunju 2015 fejn giet akkuzata *inter alia* u misjuba hatja ta resistenza kontra ufficcjal pubbliku u giet kkundannata sena prigunerija, sentenza ohra datata 24 ta' Novembru, 2014 fejn giet akkuzata u misjuba hatja ta' tlajjar ghal skop ta' prostituzzjonu u recidiva fejn giet ikkundannata gimgha prigunerija, sentenza ohra datata 24 ta' Novembru, 2014 fejn giet akkuzata u misjuba hatja tar- reat ta' tlajjar ghal kop ta' prostitutzzjoni u giet ikkundannata gimgha pigunerija u sentenza ohra ta' l-istess jum fejn instabet hatja ta l-istess akkuzi u inghatat gimgha prigunerija. Illi f'dawn l-istess erbgha sentenzia jirrizulta li l-particulars tal appellant odjerni huma l-istess bhal dawk li jidhruq fuq dawn l-erbgha sentenzai u ghalhekk mhemmx dubbju li l-akkuza tar recidiva hija ben provata.

Illi dwar il-piena, mill-fedina penali aggornata tal-appellanti jirrizulta lil mill-1982 'l hawn hija instabet hatja mill-Qrati mhux inqas minn tlieta u sebghin (73) darba li l-parti kbira ta dawn il-convictions kienu proprju jirrigwardaw akkuzi ta' tlajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali. Instabet ukoll hatja ta' akkuzi ta' serq nuqqas ta obbedienza ta ordni legittii moghtija lilha minn ufficcjali pubbbici kif ukoll ta pusess ta droga .Il-Qrati dejjem imxew b' mod miti maghha izda hi baqghet tippersisti fil-hajja refrattarja taghha.

Bizzejjed jinghad li f'din il-kawza l-qorti kienet semghet lill-ufficcjal tal-Probation Deborah Farrugia tixhed f'diversi okkazzjonijiet peress li hija  kienet ghamlet xi zmien issegwi lill-appellanti u din kkonfermat li l-appellant ma tattendix b'mod regolari ghall-appuntamenti li jigu moghtija lilha u ma ssegwix id-direzzejoni taghha u taqbad u ma tattendix ghall-appuntamenti u wisq inqas tiehu id-direzzjoni li l-ufficcjal tipprova taghtiha.

Jidher car li l-appellant trid tibqa'tghamel li trid u tahseb li min ghaliha ser tibbenefika min xi immunita. Temmen li hi 'l fuq mill-ligi u ma tridx tifhem li jekk tizbalja ser issib l-id kifra tal–gustizzja. Jidher li anke f'Awwissu 2019 pendenti dan l-istess appell l-kampjun tal- awrina taghha ta' rizultat posittiv ghall-presenza ta' droga u dan filwaqt li din il-Qorti kienet qed taghtiha chance tirriforma ruhha. Jidher li apparti din il-problema ta' akuta ta' persistenza ta' tlajjar ghandha problema ohra ta' abbuz ta' droga pero cio nonnostante ma tridx tghin ruhha.

Din il-Qorti ghamlet minn kollox sabix tghin kul min deher quddiemha bil-probelma ta' abbuz ta' droga pero' dan ghamlitu BISS meta kienet konvinta li dak li jkun irid ighin ruhhu u ibiddel hajtu. F dan il-kaz din il-Qorti minkejja li tat ic-chance lill-appellanti din ma tghalmitx tisfrutta l opportunita mghotija lilha

Ghalhekk f'dawn ic-cikorstanzi din il-Qorti m ghandhiex triq ohra salv li tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha kemm fir-rigward tal-htija misjuba kif ukoll fir rigward tal- piena inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur